

# Il-Kurċifiss ta' Ġieżu ġewwa l-Floriana

Kitba ta' Dun David Torpiano

Bosta huma l-ġrajjiet li seħħew fl-imgħoddi fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija b'rabta mal-Floriana u mal-parroċċa ta' San Publju. B'xorti tajba, meta wieħed jifli l-kotba tal-minuti tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u ta' San Publju, jintebaħ li l-fratelli ħadu ħsieb li mal-minuti tas-seduti ordinarji jew straordinarji tal-fratellanza, iniżżlu wkoll tagħrif fuq avvenimenti speċjali li fihom kienet involuta l-istess fratellanza jew il-Knisja Arċipretali ta' San Publju fil-Floriana. Fost dawn l-avvenimenti deskritti fil-kotba tal-minuti, insibu ġrajja sabiħa (marbuta kemm mat-Tieni Gwerra Dinjija kif ukoll mal-Knisja Arċipretali ta' San Publju) li jixirqilha li tiġi mfakkra.

Nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju 1944, fl-10 a.m. inġabru numru ta' fratelli fl-Oratorju ta' San Publju biex jagħmlu l-hekk imsejħa *Consulta Privata* (waħda mis-seduti li għaliha kienu jattendu l-uffiċjali tal-fratellanza). Fost dawk li attendew għal-laqgħa nsibu l-uffiċjali kollha minbarra Publio Borg, Carmelo Busuttil u Angelo Borg li ġew sostitwiti bil-permess tar-Rettur is-sur Victor H. Felice mill-fratelli Antonio Caruana, Salvatore Pace u Carmelo Galea. Fil-minuti[1] wieħed jista' jaqra li "*Il Primo Assistente fece una breve descrizione del avvenimento del Santissimo Prodigioso Crocifisso della Veneranda Arciconfraternità che porta il suo santissimo nome e fu deciso che tale ricorrenza sara registrata in questo libro delle Consulte.*"[2] L-avveniment li l-fratell prim assistent kien qed jitkellem dwaru hu dak tar-ritorn minn Għawdex tal-Kurċifiss mirakoluż meqjum fil-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt.

Fost ix-xbihat qaddisa li l-poplu Malti ħabb u nġibed lejhom, bla dubju l-Kurċifiss mirakoluż li jinsab fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri tal-Belt (il-Franġiskani ta' Ġieżu) jokkupa post speċjali. Dan il-Kurċifiss inħadem minn Frate Umile Pintorno (magħruf ukoll bħala Frate Umile da Petralia) x'aktarx bejn is-snin 1630 u 1639 ġewwa Palermo u wara nġieb Malta.[3] Jingħad li Frate Umile, li miet b'fama qaddisa fid-9 ta' Frar 1639 u li kien issieħeb mal-Franġiskani fi Sqallija fl-1623, ħadem madwar tlieta u tletin kurċifiss. Hekk kif il-gwerra bdiet tiħrax, il-membri tal-Arċikonfraternità tas-Ssmu Kurċifiss, li kellha s-sede tagħha fl-istess knisja tal-Patrijiet Minuri tal-Belt ħasbu biex iġorru dan il-Kurċifiss lejn il-gżira ta' Għawdex fejn seta' jkun iżjed imħares mill-possibbiltà li jiġi milqut jew saħansitra meqrud kif ġralhom diversi opri artistiċi oħra fi żmien il-gwerra.

Mal-mogħdija tax-xhur u s-snin, hekk kif intemm il-periklu ta' bumbardamenti u attakki mill-ajru, l-Arċikonfraternità tal-Kurċfiss, ħejjiet programm biex ir-ritorn ta' dan il-Kurċifiss lejn il-Knisja ta' Ġieżu jkun wieħed dinjituż u li fl-istess ħin ikun jesprimi il-gratitudni tal-poplu Malti lil Alla għall-grazzja tal-paċi u għall-ħelsien mill-gwerra. Is-segretarju tal-Fratellanza ta' San Publju (fiż-żmien meta l-fratellanza kienet għadha mhix iddedikata wkoll lis-Ssmu Sagrament), is-sur Salvatore Maggi, jirrakkonta "*Cessato il periodo dei frequenti attacchi aerei del nemico si pensò dalla summenzionata Arciconfraternita di portare indietro dal Gozo questo simulacro e per tanto Giovedi,*

[1] Il-minuti miġjuba hawn fuq huma traskritti eżattament kif jinsabu reġistrati fil-kotba tal-fratellanza.

[2] Arkivju Parrokkjali Floriana (APF), *Consulta Privata* (18 Giugno 1944), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

[3] Tony Terribile, *Teżori fil-Knejjes Maltin. Valletta II*, Malta 2007, 132.



*Il-Kurċifiss Mirakoluż quddiem il-Knisja ta' San Publju.*

*Bil-permess ġentil tal-Arċ. Konf. tas-SSMU Kurċifiss Valletta. Ritratt propjetà ta' Vincent Farrugia.*

*23 marzo arrivato questo Crocifisso a Malta venne privatamente portato su una bredella e collocato sotto una delle navate di destra, allora semi riparate, della nostra Arcipretale Chiesa ove era esposto per la venerazione dei fedeli che accorrevano da tutta l'isola, fino alla domenica seguente*."[4] Għalhekk, skont Salvatore Maggi, il-Kurċifiss ġie mqiegħed f'waħda min-navati tan-naħa tal-lemin tal-Knisja ta' San Publju, liema navati kienu għadhom qed jissewwew mill-ħsara tal-bumbardament li l-Knisja Arċipretali ta' San Publju sofriet nhar it-28 ta' April 1942. F'artiklu li deher fil-Programm tal-Festa ta' San Publju fil-Floriana għas-sena 2004, is-sur Anthony Piscopo jagħti verżjoni kemxejn differenti minn dik ta' Maggi meta jgħid li l-Kurċifiss tqiegħed mhux f'waħda min-navati tal-Knisja iżda fil-Kappella tan-Nazzarenu li tinsab taħt il-kampnar tan-naħa tal-lemin (in-naħa tal-Mall) tal-Knisja ta' San Publju.[5]

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 1944 waranofsinhar, il-Kurċifiss ġie meħud privatament fil-Knisja ta' Sarria. Sadanittant, mill-Belt ħarġet purċissjoni li fiha akkompanjaw il-fratelli tal-Arċikonfraternità tas-Ssmu Kurċifiss, il-Patrijiet Minuri ta' Ġieżu, u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu flimkien mal-Vigarju Ġenerali Mons. Isqof Emmanuel Galea.[6] Il-purċissjoni waslet sa ħdejn il-Knisja ta' Sarria fejn sabet folla enormi ta' nies li ġiet minn Malta kollha biex takkumpanja l-Kurċifiss mirakoluż mill-Floriana sal-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt. Mal-wasla tal-purċissjoni, Patri Accursio Xerri O.F.M. għamel diskors

[4] Arkivju Parrokkjali Floriana (APF), Verbal Speċjali intitolat *Il Santo Crocifisso di ta' Giesu*, f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

[5] Ara Anthony Piscopo, *Manifestazzjonijiet Nazzjonali fil-Furjana fis-Seklu XX*, f'*Programm tal-Festa San Publju*, Malta 2004, 55.

[6] Skont il-minuti jidher li l-Kleru tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju u l-imseħbin fil-Fratellanza ta' San Publju ma ħadux sehem fil-purċissjoni, dan għaliex fl-ebda ħin ma jisemma li dawn akkompanjaw jew ħadu sehem.

tal-okkażjoni. Hekk kif intemm id-diskors, il-purċissjoni bdiet miexja lura lejn il-Belt din id-darba bil-Kurċifiss mirakoluż. Salvatore Maggi jirrakkonta li wara biss ftit passi, hekk kif il-Kurċifiss wasal qrib il-Knisja Arċipretali ta' San Publju, bdiet nieżla x-xita u saħansitra beda jagħmel is-silġ! Maggi jikteb "*Arrivato che fu il S. Crocifisso vicino al fianco della detta Chiesa Arcip.le. cioè in strada Sarria, s'incominciò a piovere e nevicare e fra il suono della campane di S. Publio che allora soffocava i tuoni ma non i lampi e, tra l'unanime dispiacere di migliaia di devoti che vi accorsero da tutta l'isola, si dovette introdurre un'altra volta nella nostra Chiesa il S. Crocifisso affin di proteggerlo dalla pioggia*."[7] Il-Kurċifiss għalhekk, minħabba l-maltempata li qamet, reġa' sab ruħu ġewwa l-Knisja ta' San Publju fost il-konfużjoni u d-diżappunt ta' dawk li kienu preżenti biex jipparteċipaw. Id-deskrizzjoni ta' Piscopo fuq dan il-fatt taqbel ma' dik ta' Maggi meta Piscopo jirrakkonta li "Il-pellegrinaġġ minn quddiem il-Knisja ta' Sarria mexa fi bnazzi taqtgħu b'sikkina meta f'daqqa waħda nfetħu bibien is-sema u faqqgħet maltempata kbira bir-ragħad u s-sajjetti u l-kurċifiss ġrew bih u daħħluh fin-Nazzarenu fejn kien qabel meta kienu ġabuh minn Għawdex."[8]

[7] Arkivju Parrokkjali Floriana (APF), Verbal Speċjali intitolat *Il Santo Crocifisso di ta' Giesu*, f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

[8] Anthony Piscopo, *Manifestazzjonijiet Nazzjonali fil-Furjana fis-Seklu XX*, 55.

Wara xi siegħa, hekk kif ix-xita battiet kważi għalkollox, il-qniepen tal-Knisja ta' San Publju ħabbru li il-purċissjoni setgħet tkompli miexja lejn il-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt. In-nies, bdew ħerġin mill-ġdid mill-Knisja Arċipretali u minn bosta djar tal-Floriana li fihom kienu sabu kenn mill-maltempata li kienet għamlet. Piscopo jirrakkonta dettal sabiħ li mhuwiex imniżżel fil-kronaka ta' Maggi meta jgħid "Meta l-maltempata għaddiet, il-pellegrinaġġ immexxi mill-Isqof Galea reġa' qabad triqtu lejn il-Knisja ta' Ġieżu, iżda hekk kif tfaċċa fil-bieb tan-Nazzarenu l-Kurċifiss, f'sema ċar u bnazzi bdiet nieżla borra rqiqa fost l-iskantament ta' kull min kien preżenti."[9]

Hekk ġie fi tmiemu avveniment ieħor li ċertament dak iż-żmien kellu rilevanza nazzjonali. Permezz ta' din il-kronaka miġjuba fil-kotba tal-minuti tal-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament u ta' San Publju u ta' dawn ir-rakkonti sempliċi wieħed jista' jkompli jikkonferma li l-Floriana u b'mod partikolari l-Knisja Arċipretali ta' San Publju dejjem okkupat post ewlieni fl-avvenimenti nazzjonali kemm dawk reliġjużi kif ukoll dawk purament soċjali. Jalla fil-preżent, il-Floriana tkompli tkun, kif kienet fl-imgħoddi, fiċ-ċentru ta' avvenimenti li jagħmlulna ġieħ u li jsawru l-istorja tal-poplu Malti kollu.

[9] Ibid.


CMP
THE BEST PAINTS IN THE WORLD
Tel: 2149 2803, 2144 3052
Mob: 7934 3352, 9949 22669

GENERAL STORE
*L-uniku wieħed fil-Floriana li huwa Self Service*
*L-Aħjar Servizz bl-Irħas Prezzijiet*
71, Triq San Tumas
Floriana
Tel: 2124 3822